# *Ismijiet ta' xi toroq fil-Qrendi*

**minn Tony Terribile**



Għat-tielet sena konsekuttiva, din is-sena wkoll se nerġgħu nżuru numru ta' toroq fil-Qrendi u nagħtu t-tifsira jew ir-raġuni ta' l-isem tagħhom.

L-ewwel triq qiegħda tfakkar lil **Francesco Buhagiar** li twieled il-Qrendi fis-7 ta' Settembru ta' l-1876 u sar avukat fl-1901. Meta Malta ġiet mogħtija l-Kostituzzjoni, daħal fix-xena politika u fl-1922 laħaq Ministru tal-Ġustizzja, u sena wara Prim Ministru ta' Malta wara Joseph Howard, u hekk Francesco Buhagiar sar it-tieni Prim Ministru ta' gżiritna.

Meta irtira mill-politika laħaq imħallef tal-Qrati Maltin. L-Avukat Buhagiar kien popolari ħafna. Kien maħbub u rrispettat minn kulħadd saħansitra wkoll minn dawk li ma kenux jaqblu mal-fehmiet politiċi tiegħu. Baqa' attiv fil-Qrati sakemm miet fis-27 ta' Ġunju ta' l-1934.




*Il-Qrendi kif jidher f'mappa antika ta' l-1689*

Fil-ġenb tal-Knisja għandna **Triq il-Kurat Mizzi**. Dun Anton Mizzi kien il-Kappillan tar-raħal mill-1755 sa l-1804 jiġifieri għal medda ta' 49 sena. Barra l-isem ta' din it-triq, il-Kappillan Mizzi huwa mfakkar ukoll permezz ta' kwadru fis-sagristija.

Waqt il-mixja tagħna f'dan ir-raħal sabiħ, jaqgħu taħt għajnejna l-ismijiet ta' żewġ toroq oħra, waħda qiegħda tfakkar lil Antonio Chircop u l-oħra lil Carlo Darmanin. Dawn it-tnejn kellhom ħaġa komuni, għax it-tnejn kienu statwarji u t-tnejn kellhom rabta mal-Qrendi.

**Antonio Chircop** kien skultur tas-seklu dsatax u skolpixxa fl-injam l-istatwa ta' Santa Marija filwaqt li **Carlo Darmanin** kien artist ta' l-istess żmien iżda kien jaħdem bil-kartapesta, u għal din il-Parroċċa ħadem l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes.

Dawn iż-żewġ artisti għamlu l-aqwa unur lill-Arti Maltija tas-seklu dsatax u għalhekk il-Parroċċa tal-Qrendi hi tabilħaqq ixxurtjata li għandha biċċtejn xogħol ta' dawn l-istatwarji Maltin.

**Triq Ġużeppi D'Arena** hi marbuta ma' pittur li kien attiv ħafna fi gżiritna fis-seklu sbatax. Ħalla warajh bosta kwadri sbieħ fosthom il-kwadru tal-Madonna tal-Ħniena u kien dan il-kwadru li wassal biex illum fil-Qrendi nsibu triq imsemmija għalih.

**Triq Ġużeppi Muscat** qiegħda tfakkarna f'dan il-mużiċista li kien l-ewwel surmast tal-Banda Santa Marija. Dan twieled is-Siġġiewi fit-28 ta' Frar 1906. Kien ġardinar tal-botanika u studja bis-serjetà l-arti mużikali mal-Banda Nikolina tas-Siġġiewi u maż-żmien sar ukoll il-mexxej tagħha. Fl-1945 sar l-ewwel surmast tal-Banda Santa Marija.

**Triq Mikiel Ciantar** torbotna ma' l-arti mużikali għax fl-1942 kien is-Surmast tal-Banda Lourdes. Bħal Ġużeppi Muscat kien iben is-Siġġiewi u kien wieħed mill-bandisti magħrufa tar-Royal Malta Artillery.

L-aħħar tliet toroq li se naraw it-tifsira tagħhom huma **Triq Ħal Lew, Triq Ħal Manin u Triq tal-Maqluba.**

L-ewwel tnejn huma tifkira ta' żewġ irħula żgħar li kienu jinsabu f'dawn l-inħawi. Dawn isemmihom l-istoriku Gian Franġisk Abela li kiteb l-Istorja ta' Malta fl-1647, iżda f'dawk iż-żminijiet, dawn iż-żewġ irħula kienu diġà spiċċaw.

Fl-aħħarnett għandna Triq il-Maqluba. L-isem ta' din it-triq hu marbut ma' l-inħawi sbieħ u pittoreski, viċin ħafna tal-Knisja ta' San Mattew. Skond it-tradizzjoni, hawnhekk jinsabu l-fdalijiet ta' raħal qadim li sfrondat l-art tiegħu waqt terremot li snin ilu kien heżżeż il-gżejjer tagħna.

Kif rajna din is-sena wkoll, l-ismijiet ta' bosta mit-toroq tagħna għandhom warajhom storja, tifkira u apprezzament.